# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 13 ta' April 2018**

**Numru 6**

**Rikors numru 236/11 AL**

**Eric Scerri**

**v.**

**Pancrazianella Scerri**

**Il-Qorti:**

Dan huwa appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-23 ta' Marzu li qed tigi riprodotta ghall-ahjar intendiment:

> "Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li permezz tieghu ppremetta :
>
> "Illi l-kontendenti zzewgu fis-27 ta' Lulju 1986 u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, John u James illum it-tnejn maggoreni.
>
> "Illi nqala' dizgwiet bejn il-kontendenti illi wassal sabiex b' att ippubblikat min Nutar Dottor Miriam Musumeci Macelli fil-31 ta' Jannar

2008, il-kontendenti nfirdu minn xulxin permezz tal-istess kuntratt (DOK A).

"Illi a tenur tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-attur obbliga ruhhu illi jhallas lill-martu, konvenuta, s-somma ta' €93.17 fil-gimgha bhala manteniment ghalija oltre s-somma ta' €46.59 fil-gimgha ghal kull wiehed mill-imsemmija tfal minuri rivedibbli skond kif mahsub fl-imsemmi kuntratt.

"Illi l-imsemmija tfal tal-kontendenti huma llum it-tnejn maggoreni u l-attur ma jhallas ebda manteniment ghall-htigijiet taghhom izda qieghed regolarment ihallas il-manteniment stabbilit ghall-htigijiet tal-konvenuta.

"Illi l-imsemmija konvenuta bdiet rapport ma' John Scerri, cioe hu l-attur odjern. Kif sejjer jirrizulta mill-provi f' din il-kawza, l-imsemmi John Scerri regolarment jorqod fid-dar tal-konvenuta, gja d-dar konjugali. Illi, l-attur huwa ntitolat, allura in vista tal-adulterju tal-konvenuta, illi mill-gdid jintavola kawza ta' separazzjoni kontra l-konvenuta sabiex inter alia jigi dikjarat illi l-konvenuta tilfet id-dritt taghha illi tircievi manteniment allura in vista tal-adulterju taghha.

"Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. "tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti konjugi Scerri minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess konvenuta u li jinkludi inter alia adulterju, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi;

2. "tiddikjara, in vista tal-htijiet taghha, illi l-konvenuta tilfet id-dritt taghha illi tircievi l-manteniment minghand zewgha l-attur inkluz b' mod partikolari l-manteniment stabbilit fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-kontendenti ppubblikat kif inghad fl' att tan-Nutar Dottor Miriam Musumeci Macelli fil-31 ta' Jannar 2008;

3. "tistabbilixxi d-data illi fiha l-konvenuta saret hatja t' adulterju u tordna illi b' effett minn dakinhar jew data ohra stabbilita' appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti, il-konvenuta ddekadit mid-dritt taghha illi tircievi l-manteniment mill-attur zewgha u ghalhekk tehles u tillibera lill-istess attur minn kull obbligu f' dan ir-rigward.

"Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni, kontra l-konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

"Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

"Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha eccepiet: (fol 32)

1) “L-ewwel talba attrci ghall-pronunzjament tas-separazzjoni hija superflua, ghaliex kif jidher anke mir-rikors mahlul i-partijiet ilhom fi stat ta’ separazzjoni sa mill-31 ta’ Jannar 2008 bis-sahha tal-kuntratt ta’ separazzjoni anness mar-rikors DOK A;

2) “Il-konvenuta ma kkommettiet l-ebda adulterju u f’kull kaz ir-rikorrent ilu f’rapport ma terza persuna ghal zmien twil;

3) “F’kull kaz u minghajr pregudizzju ir-rikorrent m’ghandux dritt jitlob id-dekadenza tal-esponenti mill-manteniment, anzi ghandu jitqies li irrinunzja ghad-dritt li jaghmel dan tenut kont il-provvedimenti tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-31 ta’ Jannar 2008 anness mar-rikors DOK A;

4) “Salvi eccezzjonijiet ohra;

“Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

“Semghet lix-xhieda illi tressqu;

“Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

“Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

“Ikkunsidrat :

“**KONSIDERAZZJONIJIET**

“Illi l-Qorti għandha quddiemha kawża bejn il-partijiet li huma ġja legalment separati bis-saħħa ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali, fl-atti tan-Nutar Miriam Musumeci Macelli, datat il-31 ta’ Jannar 2008.

“Minkejja dan, l-attur qiegħed jipproċedi bil-kawża odjerna għad-dikjarazzjoni tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet għab-bażi tal-adulterju allegatament imwettaq minn martu l-konvenuta. Jitlob lill-Qorti tiddikjara, illi konsegwenza tal-istess adulterju, martu ddekadiet mid-dritt illi tirċievi manteniment minn għandu.

“Il-**fatti** tal-kawża, fil-qosor huma s-segwenti:

(a) “Il-koppja Scerri żżewġu fis-27 ta’ Lulju 1986 fil-Knisja tal-Kunċizzjoni fil-Ħamrun, u minn dan iż-żwieġ twieldu żewġ ulied, John u James, illum maġġorenni;

(b) "Huma nfirdu bis-saħħa ta' kuntratt ta' separazzjoni personali, fl-atti tan-Nutar Miriam Musumeci Macelli, ddatat il-31 ta' Jannar 2008[1], fejn rigward il-manteniment bejn il-partijiet intqal hekk:

> "*5. Ir-Raġel qiegħed presenzjalment jobbliga ruħu li jgħaddi lill-Mara s-somma ta' erbgħin Lira Maltija (Lm40.00) fil-ġimgħa ekwivalenti għal tlieta u disgħin Euro u sbatax-il ċenteżmu (Eur93.17c) pagabbli kull ġimgħatejn bil-quddiem bħala manteniment versu l-komparenti Pancrazianella Scerri. Il-komparenti konjuġi Scerri jaqblu u jiftehmu li dan l-ammont m'għandu jiġi varjat taħt l-ebda ċirkostanza, salv biss għal dak provdut f'Artikolu 8 (recte: 9) ta' dana l-att.*"

(c) "Fil-11 ta' Frar 2011, l-attur talab l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex jipproċedi għall-medjazzjoni flimkien ma' martu, stante li allega li martu wettqet adulterju u ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment mingħandu. Il-medjazzjoni ma seħħitx u għaldaqstant l-attur ipproċeda bil-kawża odjerna.

"<u>PROVI</u>

"L-**attur** xehed bil-proċedura tal-affidavit, fejn spjega kif fil-perjodu meta kien għaddej bil-proċeduri ta' separazzjoni personali minn ma' martu, huwa ma kellux suspetti dwar il-fedelta` tagħha, għalkemm kellu lanjanzi oħra kontra tagħha. Xi żmien wara li telaq mid-dar, kienet ċemplitlu Maria Scerri, li tiġi l-mara ta' ħuh John, fejn dina qaltlu li żewġha kien f'relazzjoni mal-konvenuta. Ulied il-partijiet bdew jgħidulu li z-ziju John kien qed ikun spiss id-dar ta' ommhom, u kien għalhekk li l-attur aċċetta dak illi għarrfitu bih Maria Scerri. Iżid li hu ġieli mar id-dar biex jara lil ibnu James u kien isib lil ħuh hemmhekk jagħmlilha xi xogħolijiet fid-dar. Rahom iċ-ċinema flimkien, jaraw il-film "Hangover". Rahom ukoll flimkien fin-nightclub "Numero Uno" ġewwa Ta' Qali. Jkompli jispjega li l-konvenuta tgħix ħajja komda, xtrat karozza ġdida, ssiefer sikwit, u xtrat il-pannelli solari.

"Iben il-partijiet, **James Scerri**, xehed[2] illi huwa jgħix ma' ommu u li fl-istess dar jgħix ukoll ħu missieru John. "*Ilu jgħix hemm bejn wieħed u ieħor sentejn. ... l-mama' torqod fil-kamra tagħha u John jorqod fil-kamra tiegħu ... John xi drabi jsajjar għal kulħadd, ġieli jiena nsajjar għal kulħadd u ġieli ommi. Borma waħda. Ommi u John joħorġu flimkien. Ġieli joħorġu jaraw film. Għalkemm jien ma nkunx magħhom ġieli narahom jaraw trailers u jgħiduli li sejrin jaraw film. Xi kultant jgħiduli li joħorġu maz-zijiet u ma' xi ħbieb tagħhom... John kien qed jiġi jorqod għandna għax hu kien qed jinfired u qed iħossu waħdu. Hu bniedem li ma tantx jiflaħ. Bħalissa ma jistax jgħix waħdu għax mar lura. Għamel bypass u issa ħarġitlu peritonitis. Kellu iktar minn bypass waħda. Kemm ilu magħna naf li mar l-isptar żgur għax ġiet l-ambulanza għalih.*"

---

[1] Fol. 6 et seq.
[2] Seduta tas-27 ta' Frar 2012 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella, fol. 49

"Xehed ukoll **Mario Scerri,**[3] ħu l-attur, fejn dana qal illi meta ġieli jmur għand il-konvenuta jkun hemm ħuh l-ieħor John. "*Ġieli noħorġu flimkien socially u cioe nkunu jiena, marti, l-konvenuta u ħija John. Sa fejn naf jien ir-rapport tagħhom huwa li ħija John joħroġ mal-konvenuta.....Jekk jorqdux flimkien jiena ma nistax nivverifika...Huma jiġu bil-karozza flimkien u jkun qed isuq John.*"

"**Maria Scerri**[4], xehdet illi tinsab għaddejja minn proċeduri ta' separazzjoni personali minn ma' żewġha John, ħu l-attur Eric Scerri, għaliex John jinsab f'relazzjoni mal-mara ta' ħuh u cioe mal-konvenuta. Sakemm kien għadu jgħix id-dar, John kien diġa joħroġ mal-konvenuta u taf li marru flimkien il-Birgu Fest u l-festi tal-Indipendenza. Kien f'Novembru 2008 li mbagħad John telaq mid-dar matrimonjali. Iżżid: "*Konna ngħaddu fit-tard quddiem id-dar tagħha u jkun hemm il-karozza tiegħu.*" Fl-affidavit tagħha[5], hija spjegat kif żewġha biddel ix-xogħol fis-sajf 2008, u beda jdum ma jiġi lura mix-xogħol, iqatta' ħin twil fuq il-kompjuter, u fl-istess żmien rat kambjament fil-karattru tiegħu. Fil-ħin li kien jgħid li kien għadu xogħol, il-vettura tiegħu kienet tkun wara l-bieb tal-konvenuta. Beda jitlaq mid-dar kull nhar ta' Ġimgħa u jirritorna l-Ħadd, sakemm f'Novembru 2008 telaq mid-dar matrimonjali u ma reġax lura. Darba minnhom rat lil żewġha flimkien mal-konvenuta, jixtru minn supermarket f'Burmarrad.

"Iben il-partijiet **John Scerri** xehed[6] kif huwa kien telaq mid-dar t'ommu peress li z-ziju John kien beda jiffrekwenta d-dar. Kien imur kważi kuljum, isibu hemm x'ħin jasal mix-xogħol fil-5.30pm u jdum hemm sa xi s-7pm. Huwa ma kienx jaqbel li ħu missieru jiffrekwenta d-dar tagħhom u meta kien jikkonfronta lil ommu dwar dan, hija kienet tiġġustifikah billi tgħid li kien għaddej minn żmien ħażin u kien iħossu waħdu. Iz-ziju daħal jgħix mal-konvenuta ftit wara li telaq ix-xhud mill-istess dar. Iz-ziju għamel l-I.D. Card fuq l-indirizz tal-konvenuta. Iżid: "*Ma niftakarx okkażjoni waħda fejn mort għand ommi, kemm ili li tlaqt minn hemm, u ma sibtx liz-ziju John hemmhekk.*" Ikkonferma li z-ziju jorqod f'kamra għalih. "*Jiena dwar ir-relazzjoni bejn il-mama' u z-ziju ngħid li ma rajt xejn speċjali – just visiting. Kemm ilhom jgħixu flimkien narahom jitkellmu flimkien u anke jaraw it-tv flimkien. That's all.*" Kien ikollu diversi argumenti mal-konvenuta ommu: "*L-argumenti l-iktar kienu jkunu fuq iz-ziju u wkoll għax ommi kienet tippretendi terz mill-paga tiegħi. L-argumenti dwar iz-ziju kienu jkunu fis-sens li kont insaqsi x' qed jagħmel iz-ziju hawn u għalfejn qed jiġi daqshekk ta' spiss. It-tweġiba kienet tkun għax għandu problemi ta' saħħa u ma jistax jgħix waħdu.*" Jaf li ommu u z-ziju ġieli siefru flimkien għax qaltlu l-konvenuta stess.

---

[3] Seduta tas-27 ta' Frar 2012 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella, fol. 50
[4] Seduta tas-27 ta' Frar 2012 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella, fol. 51
[5] Fol. 60
[6] Seduta tal-11 ta' Ġunju 2012, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella, fol. 62

"Xehed ukoll **John Scerri**[7], ħu l-attur, li miegħu allegatament għandha relazzjoni l-konvenuta. Huwa ma ċaħadx illi jgħix mal-konvenuta iżda jgħid li jgħix hemmhekk purament għal raġunijiet ta' saħħa. Spjega li ġie ammess l-isptar darbtejn, u ħass li m'huwiex fi stat li jgħix waħdu. Kienu qed jagħtuh chest pains kbar u jbati minn cramps gravi ġo saqajh. Jorqod b'qanpiena ħdejh biex meta jaqbduh dawn il-cramps, tiġi l-konvenuta mill-kamra tagħha sabiex tilwilu saqajh. Ikkonferma li hu u l-konvenuta joħorġu flimkien u jagħmlu x-xirja flimkien iżda ma jagħmlu ebda kuntatt fiżiku. Ikkonferma wkoll li jsiefru flimkien. Marru r-Rumanija, l-Bulgarija, Barċellona, Pisa, Sqallija, Bari u l-Isvizzera. Spjega "Meta nsiefru aħna noqgħodu f'kamra waħda iżda ma norqdux flimkien, pero' jkollna nissaportu l-inħir ta' xulxin. Ma nieħdux *double beds* iżda *single beds*. Mhux dejjem ħadna *single beds* iżda ġieli jkun hemm sufan. Ngħid li mhux dejjem possibli li nużaw li nieħdu żewġ *single beds* ġo kamra waħda u ġieli nutilizzaw *double bed* li nużaw biss għall-irqad u mhux għas-sess." Minħabba l-kondizzjoni ta' saħħtu, jħoss li ma jistax jagħmel attivitajiet strenuous fosthom sess, ibiddel tyre ta' karozza u jerfa' affarijiet tqal.

"**Michela Borg Brincat**, xehdet[8] illi darba rat lill-konvenuta fil-Malta Fairs and Convention Centre, fejn kienet qiegħda labranzetta ma' raġel naqra żgħira iqsar minnha, ta' mezz'eta`, b'xagħaru jagħti ftit fl-abjad minn wara widnejh.

"**John Gatt**, xehed[9] illi huwa ra lill-konvenuta tippassiġġa ma' John Scerri darbtejn, darba f'San Ġiljan fejn ma kien hemm l-ebda kuntatt fiżiku bejniethom u darb'oħra f'Ħad-Dingli fejn huma kienu labranzetta. Dana ġie kkonfermat mix-xiehda ta' martu **Gemma Gatt**.

"Il-**konvenuta** wkoll ikkonfermat[10] illi John Scerri jgħix magħha iżda fi kmamar separati. John jgħix hemmhekk għax huwa marid. Tgħid li huma m'humiex f'relazzjoni u li qatt ma kellha rapporti sesswali miegħu. Jorqdu fl-istess kamra, xi drabi fl-istess sodda, meta jkunu msiefrin, kemm minħabba l-flus u wkoll minħabba l-problemi ta' saħħa ta' John. Tiċħad li joħorġu flimkien lambanzetta. *"Jiena niċħad li għandi xi relazzjoni ma' John. Jiena biss inħossni li qed nagħmel karita miegħu u dan peress li hu m'għandu lil ħadd".* John jgħaddilha €300 fix-xahar li qabel kien iħallashom kera lil Bettina Baldacchino. Tispjega li meta kien jgħix fl-appartament ta' Baldacchino kienet tmur tarah peress li kien depressed.

"Xehdu wkoll **Elizabeth magħrufa bħala Bettina Baldacchino** u żewġha **Roger Baldacchino**[11] li kkonfermaw li John Scerri għamel

---

[7] Xhud miġjub bi skorta għas-seduta tal-25 ta' Frar 2013, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella, fol. 96

[8] Affidavit fol. 105

[9] Seduta tas-7 ta' Mejju 2013 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella fol. 122

[10] Xiehda tagħha tas-6 ta' Diċembru 2013 u tal-11 ta' Ġunju 2014, quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella fol. 136 u fol. 144, u wkoll tat-22 t'Ottubru 2015 quddiem il-Qorti

[11] Udjenza tat-23 ta' Frar 2016, fol. 169

sentejn jikri appartament mingħandhom u li l-konvenuta kienet tmur għandu biex tarah. Inoltre l-konjuġi Baldacchino ġieli ħarġu soċjalment mal-konvenuta u John Scerri.

"PRINĊIPJI LEGALI

"Illi din il-kawża tqanqal diversi prinċipji legali għall-analiżi ta' din il-Qorti. L-ewwel minnhom huwa l-applikazzjoni tal-prinċipju legali *pacta sunt servanda* għall-każ odjern. Issir referenza għall-Artikolu 992 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk: "(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom***. (2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi***".

"Ai termini tal-istess Artikolu, qed issir referenza wkoll għall-ġurisprudenza relattiva għall-prinċipju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- "Grace Spiteri vs. Carmel sive Lino Camilleri et[12] fejn ġie ritenut li "*Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tiġi osservata. Pacta sunt servanda*";

- "Eric Schembri et nomine vs. Lewis Baldacchino [13] u Frank Salt Real Estate Limited vs. Edward Anthony Ellul Sullivan pro. et noe[14] fejn ġie ritenut li "*strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-liġi tenfasizza l-kunċett illi dak il-kuntratt ma jistax jiġi riżolut, in linea ta' prinċipju, bis-sempliċi volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jiġi mħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi*".

"Minn dana jirriżulta illi l-kuntratti jistgħu jiġu mħassra biss jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, li fil-każ odjern ma jirriżultax, jew inkella għal raġunijiet magħrufin fil-liġi.

"Jiġi rilevat illi fil-Kodiċi Ċivili[15] tagħna, mhuwiex speċifikat illi kuntratt ta' separazzjoni personali jista' jiġi emendat fl-eventwalita` ta' adulterju ta' xi parti. L-istess Kodiċi lanqas ma jagħti l-fakolta` lil xi parti biex titlob lill-Qorti tvarja l-provvedimenti stipulati f'kuntratt ta' separazzjoni personali rigwardanti l-manteniment, minkejja li jagħti l-istess fakolta` fuq klawżoli oħra, bħal m'hu, per eżempju, l-kura u l-kustodja tal-ulied.

[12] deċiża nhar it-30 ta' Mejju 2002, mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili
[13] deċiża nhar il-11 ta' Novembru 1997, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell
[14] deċiża nhar it-8 ta' Jannar 2010, mill-Onorabbli Qorti tal-Appell
[15] Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta

"Inoltre, l-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa l-artikolu relevanti għad-dekadenza mill-manteniment, huwa marbut mad-dikjarazzjoni ta' ħtija f'kawża ta' separazzjoni personali. Għalhekk l-insenjament tal-Qrati dejjem kien li l-Qorti ma tistax tilqa' talba għad-dikjarazzjoni tad-dekadenza fin-nuqqas ta' talba għall-pronunċja tas-separazzjoni personali. *"Biex raġel mifrud minn ma' martu ikun esentat mill-obbligu tal-ħlas tal-alimenti jrid qabel jagħmel b'suċċess kawża ta' separazzjoni personali fuq kawżali ta'adulterju li kienet eskluża fil-motivi ta' separazzjoni u issopraveniet wara."*[16] Dana l-insenjament ġie segwit fil-kawża Francis Bugelli vs. Josephine Borg gia Bugelli[17] fejn il-Qorti tal-Appell kienet stipulat: *"l-Qorti tissottilinea li l-konsegwenzi li jissemmew fl-artikolu 48 u 52 tal-Kodiċi Ċivili huma proprjament applikabbli f'kawża fejn ikun hemm talba* ad hoc *sabiex tkun ippronunzjata l-firda bejn il-konjuġi. Din ir-regola toħroġ mil-lokuzzjoni ċara tal-liġi stess kif ukoll mill-insenjament kontenut fid-dottrina u fil-ġurisprudenza tat-tribunal tagħna."*

"Jidher għalhekk illi xi parti li tkun ġja legalment separata, u tallega li l-parti l-oħra hija ħatja ta' adulterju u allura ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment, m'għandhiex rimedju msejjes fil-Kodiċi Ċivili.

"Hija l-ġurisprudenza tagħna li provdiet rimedju f'każ bħal dan u neħħiet din il-lakuna mil-liġi, u dana stante li l-Qrati tagħna stabbilixxew illi l-fatt li partijiet ikunu ġja separati, m'huwiex ta' ostaklu għal xi parti li jitlob is-separazzjoni mill-ġdid, għab-bażi ta' fatti li avverew ruħhom **wara** l-għoti tal-ewwel sentenza jew tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali.

"Fil-kawża, ġja ċċitata, Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici noe ve. Dr. Hugh McKibbin ġie ritenut: *"Il-fatt li bejn il-miżżewġin ġa ġiet mogħtija sentenza ta' separazzjoni personali (fil-każ preżenti kuntratt ta' separazzjoni) kontra wieħed mill-konjuġi ma hux ta' ostakolu illi l-konjuġi dikjarat ħati f'dik is-sentenza jitlob is-separazzjoni tiegħu kontra l-konjuġi l-ieħor għall-ħtijiet ta' dana fuq fatti li ġraw wara s-sentenza. Jgħid a propositu l-Professur Umberyo Azzolina: "E` evidente che tali diritti non sono confermati dal precedente accertamento di colpa e che la violazione dei medesimi, commessa dal coniuge gia incolpevole, tocca non solo il rapporto generico da persona a persona, ma anche quelli particolare da coniuge a coniuge, e puo` dar luogo – oltre ad eventuali sanzioni specifiche – anche all nuova pronuncia di separazione"*

"Il-ġurisprudenza tirritjeni wkoll illi s-separazzjoni personali, filwaqt illi tneħħi l-obbligu tal-konvivenza bejn il-partijiet, ma tneħħix ukoll l-obbligu tal-fedelta`, liema obbligu huwa permanenti u rrevokabbli. Di

[16] Dr. Giuseppe Mifsud Bonnici noe ve. Dr. Hugh McKibbin - deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Novembru 1965
[17] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Marzu 1996

piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[18] L-akkuża ta' adulterju hija akkuża serja ħafna li magħha tista' ġġib konsegwenzi serji taħt il-liġi tagħna.

"Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[19] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*". Dan l-insenjament ġie kkonfermat fil-kawża Rita Schembri vs. Dott. Albert Grech et noe.[20], il-Qorti kienet qalet illi: *"Stante diffikulta' tal-prova ta' adulterju, dan jista' jiġi ppruvat permezz ta' ndizji u preżunzjonijiet purche' ikunu gravi, preċiżi u konkordati b' mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika".*

"Fil-kawża, Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr. Joseph A. Xuereb noe.[21] il-Qorti qalet illi:- *"Għall-prova tal-adulterju ma hemmx bżonn ta' testimonjanza "de visu", jew il-flagranza, biżżejjed il-konkors ta' ċirkostanzi preċiżi, gravi u univoċi, li jwasslu lill-ġudikant għall-konvinċiment tal-fatt".*

"Inoltre fil-kawża Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi[22] ġie stipulat illi għalkemm il-Qorti qalet illi huwa diffiċli ħafna li wieħed iġib prova definittiva illi sar l-adulterju, xorta waħda, u dana *stante* s-serjeta' tal-akkuża, minn qiegħed jallega l-adulterju jrid jipprova dan permezz ta' *"ndizji u preżunzjonijiet"*, iżda dawn l-indizji u preżunzjoniji iridu jkunu *"preċiżi, gravi u konkordati,"* u *"univoċi"* biex b'hekk ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika.[23]

"Fis-sentenza Carmelo sive Charles Farrugia vs. Josephine Farrugia[24], fejn il-fatti kienu jixbħu ħafna l-każ odjern, il-Qorti osservat hekk: *"Illi l-Qorti tifhem li f'każ meta l-mara tkun ikkommettiet adulterju*

[18] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)
[19] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)
[20] Deċiża fis-16 t'April 1953 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili
[21] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar 1961
[22] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 t'Ottubru 2003 (Ċitazzjoni 1677/1995/1RCP)
[23] Ara wkoll Rose Gauci vs. Salvatore Gauci, deċiża mill-Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 t'Ottubru 2002,(Ċitazzjoni Numru:1365/1997/RCP); Rosina Micallef vs. Angelo Micallef**,** deċiża mill-Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 1964; u Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna, deċiża mill-Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Novembru 2003,(Ċitazzjoni Numru:1715/2001/RCP);
[24] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Frar 1992 u ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza ġja ċċitata Francis Bugelli vs. Josephine Borg gia Bugelli.

*u fil-fatt għal żminijiet twal saħansitra ikkoabitat bħala mara miżżewġa ma' raġel ieħor, anke fil-preżenza u flimkien, ma' ulied minuri li kienu wkoll minorenni, ma tistax tippretendi li tkompli tirċievi manteniment mingħand żewġha".*

"<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

"Fl-ewwel lok, il-Qorti tirreferi għat-tielet eċċezzjoni sollevata mill-konvenut u tirrileva illi il-kliem fil-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet "dan l-ammont m'għandu jiġi varjat taħt l-ebda ċirkostanza" ma jeżentax lill-partijiet mill-obbligu tal-fedelta` għax ikun imur kontra l-ordni pubbliku. Dawn il-kliem ma jeskludux il-possibilita ta' dekadenza mid-dritt tal-manteniment.

"Il-Qorti, wara li kkunsidrat bir-reqqa kollha, ix-xiehda kollha ppreżentata, hija tal-fehma li r-relazzjoni bejn il-konvenuta u John Scerri m'hijiex sempliċiment ta' aħwa jew ħbiberija. Tmur oltre minn hekk, u dana għal diversi raġunijiet, prinċipali fosthom illi kemm il-konvenuta u wkoll John Scerri ma waqqfux ir-relazzjoni tagħhom minkejja li din kienet il-kawża li sfaxxaw ir-relazzjonijiet rispettivi tagħhom m'uliedhom. Ulied il-konvenuta telqu mid-dar tagħha, filwaqt illi ulied John Scerri ma riedux iktar jafu bih u qatgħu kull legami miegħu. Minkejja dawn il-konsegwenzi gravi, huma baqgħu jgħixu flimkien. Allura l-Qorti tifhem li r-relazzjoni tagħhom kienet ta' prijorita għalihom iżjed minn uliedhom, u konsegwentement "ħbiberija" iktar important mir-rapport mal-ulied ma tibqax tikkwalifika bħala ħbiberija iżda ċertament tkun iktar profonda.

"Fit-tieni lok, *dato ma non concesso* li huwa minnu li l-konvenuta ma jkollhiex rapporti sesswali ma' John Scerri, hija fehma tal-Qorti li dan iseħħ għal raġunijiet estraneji mix-xewqat tagħhom, u cioe mhux għax ma jridux, iżda għax ma jistgħux, fosthom minħabba l-kondizzjoni medika ta' John. Infatti, l-istess John Scerri kien stqarr ma' martu Maria Scerri li hu u l-konvenuta ma jistgħu jagħmlu xejn bejniethom għax ikun hemm it-tfal.[25] Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' sess bejniethom ma jagħmilx ir-relazzjoni tagħhom, waħda inqas adultera. Huma xorta waħda qed isibu f'xulxin is-sapport u s-sostenn reċiproku bħallikieku miżżewġin.

"Fit-tielet lok, il-konvenuta u John Scerri bdew joħorġu flimkien qabel mal-istess John Scerri safa waħdu u "ma għandu lil ħadd". Spiċċa waħdu b'effett tar-relazzjoni tiegħu mal-konvenuta u mhux viċe-versa. L-ewwel beda l-ħbiberija magħha u mbagħad spiċċa waħdu, u allura m'huwiex minnu li fittex lill-konvenuta bħala riżultat tas-solitidni tiegħu.

"Il-Qorti hija tal-fehma wkoll, li r-raġuni li ngħatat għall-viżti tiegħu lill-konvenuta ftit wara li din isseparat ma' żewġha, u cioe biex jagħmel

[25] Ara l-affidavit ta' Maria Scerri, fol. 61.

ix-xogħol tal-handyman li qabel kien jagħmel żewġha, tinħass ftit assurda meta dan ma jiflaħx jagħmel xogħol "strenuous". Il-konvenuta għandha l-mezzi biex tinkariga handyman, u m'għandhiex għalfejn tqabbad raġel li għadda minn triple bypass u angioplasty biex jagħmel dan ix-xogħol.

"Illi fil-każ odjern, l-adulterju avvera ruħu wara l-kuntratt ta' separazzjoni u għadu għaddej sal-lum. Għalhekk il-Qorti tirrileva, illi effettivament il-każ odjern, ivarja minn dak ġja ċċitat <u>Francis Bugelli vs. Josephine Borg gia Bugelli</u>, fejn il-konvenuta kienet wettqet adulterju għal żmien qasir u ma reġgħetx irripetiet l-aġir noċiv tagħha. Kien għalhekk li f'dik il-kawża, il-Qorti tal-Appell, b'varjazzjoni mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ħasset li kellha tuża d-diskrezzjoni tagħha u ma tapplikax l-effetti tal-applikazzjoni tal-Artikolu 48 fil-konfront tal-konvenuta. (anke in vista li l-attur innifsu kien ilu fi stat ta' adulterju għal żmien twil). Inoltre hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-applikazzjoni tad-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48, fil-każ tas-sejba tal-adulterju, hija tassattiva u mhux diskrezzjonali.

"Tenut kont dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li l-attur irnexxielu sodisfaċentement jipprova li l-konvenuta tinsab f'relazzjoni adultera mal-imsemmi John Scerri. Konsegwentement, il-Qorti tiddikjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment mingħand żewġha l-attur. Il-Qorti qegħda tistabbilixxi d-data ta' tali dekadenza minn Novembru 2008 u dana stante li kien f'din l-epoka li John Scerri telaq mid-dar matrimonjali tiegħu.

"**<u>DEĊIDE</u>**

"Għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrent u

1. "Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u tiddikjara li fost raġunijiet oħra li setgħu avverew ruħhom bejn il-partijiet, hemm l-adulterju tal-konvenuta;

2. "Tiddikjara illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt tagħha li tirċievi manteniment mingħand żewġha l-attur, inkluż il-manteniment stabbilit fl-Artikolu 5 tal-kuntratt tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet fl-atti tan-Nutar Miriam Musumeci Macelli tal-31 ta' Jannar 2008;

3. "Tiddikjara illi tali dekadenza seħħet b'effett minn Novembru 2008 u tillibera lill-attur minn kull obbligu ta' manteniment versu martu, b'effett mill-istess data;

"Bl-ispejjeż jiġu sopportati mill-intimata Pancrazianella Scerri".

Minn din is-sentenza appellat allura l-konvenuta li talbet ir-revoka tal-istess fil-waqt li l-attur talab il-konferma tas-sentenza fir-risposta tieghu.

AGGRAVJI

L-ewwel aggravju tal-appellanti huwa li l-ewwel Qorti ma kellhiex bizzejjed provi biex tistabbilixxi l-adulterju da parti taghha. Izzid tghid li l-istes Qorti kkonkludiet li setghet biss tirriskontra cirkostanzi fejn l-appellanti u hu l-appellat kienu jghaddu ghall-att fiziku tal-att sesswali li kieku setghu u li wiehed ma jistax jipprezumi li sar att sesswali, li minghajru ma jistax jinghad li kien hemm adulterju.

Naturalment huwa minnu li kif jghid l-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura li min jallega jrid jipprova –"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat*" u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (ara per ezempju **Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim'Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995). F'dan il-kuntest wiehed irid ukoll jiftakar li kif qalet il-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fis-sentenza li tat fl-24 ta` Marzu 2004 fil-kawza **Xuereb et v. Gauci et** – "*Huwa pacifiku f`materja ta` konflitt ta` versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha : 1) Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista` tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar*

*kredibbli u attendibbli minn ohra ; 2) Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur". Ara a propozitu sentenza fl-ismijiet "***Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Maryanne Theuma", Appell, Sede Inferjuri, 22 ta` Novembru, 2001***". Jinsab ravvizat ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **Farrugia v. Farrugia**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru, 1966, li "*il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lillohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant*". F'gudizzju civili infatti l-Qorti trid tiddeciedi appuntu fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952 ); "*il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo*" – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).

Fil-kaz in ezami jidher li ghalkemm l-ewwel Qorti kkonkludiet li ma kien hemm ebda prova inkonfutabbli li sar l-adulterju, il-provi illi tressqu ma kellhom iwasslu ghal ebda konkluzjoni ohra. Din il-Qorti ma taqbilx mal-

parti tas-sentenza fejn il-Qorti qalet li anke jekk il-partijiet "xtaqu" jikkommettu l-adulterju izda ma setghux minhabba sahhet l-imsemmi John Scerri, "in-nuqqas ta' sess bejniethom ma jaghmilix ir-relazzjoni taghhom wahda inqas adultera" u dan ghaliex l-adulterju jew jigi kommess jew ma jigix. Fl-istess hin taqbel mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-istess Qorti li anke fid-dawl tal-gurisprudenza citata minnha, l-appellat ipprova li l-appellanti kkomettiet adulterju.

Kif inghad fis-sentenza **Rose Gauci v. Salvatore** Gauci (P.A. tal-1 ta' Ottubru 2002 – "*in vista tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizzi u cirkostanzi ohra li ma jhallu ebda dubju fil-gudikant. Fil-fatt inghad li:- "… l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti s-sentenza taghha tas-16 ta'April 1953 fil-kawza flismijiet "**Rita Spiteri v. Avukat Dr. Albert V. Grech et noe". (P.A. Kollez. XXXVII.II.693)** l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza sseparazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche'dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika"("**Rosina Micallef v. Angelo Micallef" P.A. - 27 ta' Gunju***

***1964)***". Partijiet minn dan il-bran huma msemmija fis-sentenza appellata billi gew indikati wkoll f'sentenzi ohra.

Oltre dan, il-Qorti terga' tfakkar kif ghamlet diversi drabi li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*". Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*". Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil**, Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001).

Fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti jidrilha li l-ewwel Qorti ma setghetx tasal ghal konkluzjoni ohra hlief li l-appellata fil-fatt ikkommettiet adulterju duratur meta John Scerri ilu jghix maghha kif imsemmi, u dan ghal numru ta' snin.

L-aggravju l-iehor tal-appellant huwa li ghandu jigi osservat il-principju "pacta sunt servanda" u peress li skont il-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet "dan l-ammont (ta' manteniment) m'ghandu jigi varjat taht l-ebda cirkostanza" allura dan kellu jinkludi wkoll il-possibbilitá li l-appellanti jkollha relazzjoni ma' xi persuna ohra. Ezami tal-gurisprudenza citata wkoll mill-ewwel Qorti turi li dan l-aggravju mhuwiex legalment sostenibbli. Meta l-partijiet isseparaw bonarjament, huma ghamlu dan ghaliex "*il-hajja konjugali* (taghhom) *… ma ghadiex aktar possibbli minhabba ragunijiet serji u ammissibbli mill-ligi il jaghtu lok ghal separazzjoni personali*"*.* Ghalhekk l-appellat kellu l-possibbilitá li jistitwixxi l-azzjoni odjerna bbazata fuq xi raguni ohra li taghti lok ghal separazzjoni personali, kif spjegat fis-sentenza **Dr Giuseppe Mifsud Bonnici noe v. Hugh McGibbon (supra)** citata fis-sentenza appellata u li giet ukoll citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Bugelli v. Bugelli (supra)**. L-argument l-iehor imressaq oralment waqt it-trattazzjoni, illi ladarba l-partijiet kienu kkuntrattaw illi l-manteniment kellu jibqa' jithallas anke f'kaz ta' annullament taz-zwieg jew ta' divorzju ma jregix ghaliex dan xorta ma jfissirx li kellu jibqa' jithallas ukoll f'kaz ta' adulterju.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Frar, 1992 fl-ismijiet **Carmelo Farrugia v. Josephine Farrugia** qalet hekk: "*Il-Qorti tifhem li f'każ fejn il-mara tkun ikkommettiet adulterju u fil-fatt għal*

*żminijiet twal ikkoabitat bħala mara miżżewġa ma' raġel ieħor, anke fil-preżenza u flimkien ma' wlied li kienu wkoll minorenni, ma tistax tippretendi li tkompli tirċievi l-manteniment mingħand żewġha*". Fil-kawża **Bugelli v. Bugelli** fuq citata l-Qorti, apparti l-kostatazzjoni legali gia msemmija, ikkonfrontat iċ-ċirkostanzi tal-adulterju taż-żewġ partijiet u qalet illi kien l-attur li ta lok għas-separazzjoni u ma ħassitx ġusta li tneħħi l-obbligu tal-manteniment għax il-konvenuta kkommettiet żball li fuq kollox ma tantx ipperdura wisq fit-tul. Il-Qorti għalhekk iddeċidiet li ai termini tal-Kodiċi Ċivili hija għandha d-diskrezzjoni tiddeċiedi dwar dan, u tieħu in konsiderazzjoni l-fatti kollha tal-każ – għalkemm iċċarat illi "*proprjament dik iddiskrezzjoni kien hemm lok illi tiġi eserċitata bħala talba jew waħda mit-talbiet għal separazzjoni personali*. ………. *Il-Qorti tissotolinja li l-konsegwenzi li jissemmew fl-Artikli 48 u 52 huma proprjament applikabbli f'kawża fejn ikun hemm talba ad hoc sabiex tiġi ppronunzjata l-firda bejn il-konjuġi. Din irregola toħroġ mil-lokuzzjoni ċara tal-liġi stess billi hija proprja f'kawża bħal din li jiġi determinat liema parti 'tkun il-ħtija għall-firda' jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħatja ta' għemil li jagħti lok għall-firda. (Artikli 48 u 52).*" *Naturalment it-talba trid tkun ibbażata fuq fatti li ġraw wara l-ewwel sentenza jew il-kuntratt in kwistjoni*". Ara s-sentenzi riportati fil-Vol. XXXVI-ii-470 u XXIX-ii-600 kif ukoll is-sentenzi fl-ismijiet **Blackman v. Blackman** (Prim'Awla – 24 ta' Marzu, 1954) u **Gauci v. Gauci** (27 ta' Ġunju, 1952). Dawn il-konsiderazzjonijiet appena msemmija wiehed jista' jsibhom ukoll fis-

sentenza **Bugeja v. Busuttil** deciza mill-Qorti tal-Familja fl-20 ta' Gunju 2008.

Din il-Qorti però ma hijiex tal-fehma li d-data ta' Novembru 2008 stabbilita mill-ewwel Qorti kienet ipprovata sodisfacentement ghal fini tas-sentenza ghaliex ghalkemm l-imsemmi John Scerri telaq minn daru dak iz-zmien dan ma jfissirx li mar mill-ewwel jikkoabita mal-appellanti. Ghalhekk fuq l-iskorta tas-sentenza appena citata (**Bugeja v. Busuttil**) se tiddikjara li l-adulterju, u allura d-dekadenza mid-dritt tal-manteniment, ghandhom jigu konsidrati li sehhu fid-data tas-sentenza appellata.

Finalment l-appellanti tghid li s-sentenza appellata ma hijiex kompatibbli mal-pronunzjament tad-divorzju bejn il-kontendenti illi inghata dakinhar stess peress li s-sentenza relattiva a fol 39 ta' dawk il-proceduri ssemmi li "*l-Qorti fid-decizjoni dwar il-hall taz-zwieg trid taccerta ruhha li l-manteniment , fejn huwa dovut, qed jigi imhallas*". Din il-Qorti ma tarax li din id-dikjarazzjoni tal-ewwel Qorti ghandu jkollha xi effett fuq **dawn** il-proceduri. Fuq kollox tali dikjarazzjoni ma taghmilx parti mill-parti dispositiva tas-sentenza ta' divorzju u kwindi l-aggravju msemmi ma ghandu ebda fundament legali. Kif intqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Coppola v. Bonello** (30 ta' Mejju 2014):

> "*.......... Ladarba però din mhijiex parti essenzjali mis-sentenza u* ***allura ma torbotx il-partijiet*** *kif torbothom il-parti dispositTiva, il-Qorti ghal ragunijiet purament procedurali .....se tiddikjara dan l-appell inammissibbli*". (sottolinear ta' din il-Qorti).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu u allura tikkonferma s-sentenza appellata hlief li l-adulterju u d-dekadenza mid-dritt ta' manteniment ghandhom japplikaw b'effett mid-data tas-sentenza appellata, bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb